MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 176/2006

**Kawża Nru: 27**

**Rikors Ġuramentat Nru: 176/06 JA.**

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-esponent u l-konvenuta żżewġu fis-17 ta' Settembru, 1994 (vide ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. 'A') u miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tifel wieħed, C.

2. Illi l-esponent ma kienx iħobb verament lill-konvenuta, kien ħassar u pprova jitronka l-għerusija diversi drabi, iżżewweġ unikament minħabba ċ-ċirkostanzi u l-pressjonijiet magħmula mill-konvenuta nnifisha, u ma żżewwiġx lill-konvenuta bil-ħsieb illi jistawra magħha relazzjoni dejjiema ta' mħabba anzi żżewweġ bl-esklużjoni pożittiva ta' l-obbligu tal-fedelta', u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Illi fil-fatt l-esponent ikkuntratta dan iż-żwieġ bl-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta', illi huwa element fundamentali taż-żwieġ.

4. Illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-ħajja miżżewġa, kienu jitkellmu biss dwar il-post u t-tieġ u anke f'dan ir-rigward l-esponent kien ħalla kollox f'idejn il-konvenuta qisu dak li kien qed iseħħ lilu ma kienx jikkonċernah.

5. Illi wara żwieġ pjuttost infeliċi u fil-kuntest ta' problemi kbar u serji bejniethom, il-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-10 ta' Ġunju, 2004.

6. Illi għaldaqstant iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti huwa wieħed null u bla ebda effett u dan *ai termini* tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali u b'mod partikolari *ai termini* tal-paragrafi (d) u (f) ta' l-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponent qed jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-fatti kollha kif kontenuti f'dan ir-rikors ġuramentat.

Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ Settembru, 1994 huwa null u bla ebda effett skond il-liġi dan a tenur ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta u b’mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

(ii) konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv tal-kontendenti (Dok. ‘A’).

Il-konvenuta hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-17 ta’ Mejju, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-kontendenti żżewġu nhar is-sbatax (17) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija, erbgħa u disgħin (1994);

2. Illi l-esponenti taqbel li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett iżda dan għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent;

3. Għaldaqstant l-esponenti m’għandhiex tbati l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit tal-konvenuta u l-affidavit ta’ l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Diċembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1994 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta qablet ma' l-attur iżda għal raġunijiet differenti minn dawk proposti minnu.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – kunsens vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu.

Mill-provi mressqa l-Qorti huwa ċar li l-partijiet kienu għadhom prattikament tfal meta bdew jinnamraw ta' ċirka ħmistax u sbatax-il sena. Madankollu żżewġu ċirka sitt snin wara u allura suppost kellhom żmien biżżejjed biex jidraw lil xulxin.

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta’ Jannar, 2006);

“*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*”

Waħda mill-kawżali ta’ l-attur hija n-nuqqas ta’ diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta’ Mejju, 1995); “*B’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita’; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita’ sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita’ ta’ parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*” F’dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta’ Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta’ Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta’ Awwissu, 1995). *Nonostante* illi f’dan il-każ kien hemm ukoll indikazzjoni li l-attur ma tantx kien affidabbli u anke skond il-konvenuta ġieli refa’ idejh fuqha, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija mingħajr ma ntebħu li ż-żwieġ ma seta’ qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta’ Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; “*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*”

Mid-deposizzjonijiet *in toto* għall-Qorti jirriżulta li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat kif indikat f'dawn is-sentenzi. Dan għaliex fil-mument tal-kunsens ċertament il-partijiet ma kinux f'pożizzjoni li jkollhom kunsens format u informat biżżejjed. Il-Qorti ma ssibx li l-konvenuta kellha xi tort ħlief li ppersistiet li tibqa' għaddejja biex tiżżewweġ *nonostante* l-episodji fejn refa' jdejh fuqha. Kien meta ntebħet li kien qed jittradiha li sseparaw fl-2004.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Settembru, 1994. L-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------